# IL-BANDA QUEEN VICTORIA

## AD 1865

Il-Banda Queen Victoria ġiet imnissla mil-fdal ta' Orkestra li kienet ġiet imwaqqfa minn Mro Luigi Carabott li kienet teżisti fiż-Żurrieq sas-sena 1865.[1] Il-Fundatur ta' din il-Banda li kienet magħrufa bħala filarmonika del Zurico kien il-magħruf u popolari Mro Frangesco Zammit (Marigos) miż-Żurrieq. Dan kien ukoll wieħed mid-diriġenti tal-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu.[2] Fis-sena 1875 il-Banda għaddiet għal taħt idejn Mro. Carmel Zammit (Fardess) miż-Żurrieq ukoll. Fis-sena 1884, il-Filar. del Zurico kienet ukoll popolarment magħrufa bħala Banda tal-Kavallier peress li f'dan iż-żmien kellha President in-Nobbli Kavallier Charles dei Marchesi Barbaro li kien joqgħod f'Palazzo Armeria.[3] Għal bidu din il-banda kienet newtrali mil-Partiti tal-festa infatti kienet tieħu sehem fiż-żewġ festi prinċipali taż-Żurrieq.[4]

Fis-sena 1899 inqala' inkwiet serju bejn il-bandisti dwar is-sehem tal-Banda f'dawn il-festi. Dan l-inkwiet wasal sal-qorti ċivili fejn b'sentenza tal-qorti ta' l-appell, Mro Carmelo Zammit u sħabu l-bandisti li baqgħu miegħu rebħu l-kawża imsemmija.[5] Wara dan l-episodju ta' taqtiegħ il-qalb sar ftehim bejn is-Surmast Carmelo Zammit u l-Kumitat taċ-Circolo La Stella, illum Għaqda Karmelitana, sabiex din il-Banda tidħol taħt il-protezzjoni ta' din is-Soċjeta. U kien għalhekk fis-sena 1900 li din il-banda dehret fil-lista tal-Baned Maltin fll-istess dar ta' l-Għaqda Karmelitana li kienet f'Nru 99, Triq il-Kbira.[6]

Fis-sena 1908 ġew imżanżna l-uniformijiet tal-bandisti u l-Banda saret magħrufa Filar. Regina Vittoria kif għada sal-lum.[7] Minn hawn 'l quddiem il-Banda baqgħet dejjem tikber u tissaħħaħ mingħajr qatt ma waqfet jew biddlet il-formazzjoni tagħha. tant li għal bosta snin (1920-1946) kienet il-banda waħdanija taż-Żurrieq. Infatti nsibuha mistiedna f'kull żmien sabiex tieħu sehem f'okkażjonijiet Nazzjonali, Reliġjużi u soċjali.[8]

Matul iż-żminijiet il-Banda Queen Victoria minn dejjem ħadet sehem attiv fil-festi li jsiru ta' kull sena fiż-Żurrieq ad unur Il-Madonna tal-Karmnu. Mit-twaqqif tagħha sallum il-Banda kellha dawn id-diretturi: Mro. Frangesko Zammit (Fundatur), Mro. Carmelo Zammit, Mro. Salvu Mallia, Mro. Giuseppe Zammit, Mro. Adeodato Gatt, Mro. Frangesko Bugeja, Mro. Emle. Bugeja u s-Surmast preżenti Mro. Alfred Farrugia.

Fis-sena 1915 nafu li l-Banda Queen Victoria taħt is-Surmast tagħha Mro. Carmelo Zammit esegwiet Programm Mużikali f'Ħal Luqa fil-festa ta' Sant'Andrija bħala mistiedna tal-Każin tal-Banda Unjoni.[9] Fis-snin ħamsin u sittin din il-Banda kienet tieħu sehem regolari f'din il-festa u fis-sena 1980 f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Każin tal-Banda Unjoni, il-Banda Queen Victoria ġiet ukoll mistiedna sabiex tagħlaq il-festi kbar li kienu saru f'din l-okkażjoni b'marċ grandjuż mat-toroq prinċipali ta' Ħal Luqa.

---

Referenzi:

1 L'Ordine, 21 Aprile 1865, paġna4
2 Mill-Memoriali tal-Fratellanza tal-BVM del Carmelo
3 Guida Generale di Malta, 1884, paġna 98 u 1893 paġna 258
4 Gazzetta di Malta, 21.11.1895
5 Kopji tal-Proċess kollu ta' dawn is-sentenzi jinsabu fil-pussess tas-Soċjetà Karmelitana
6 Guida Generale di Malta, 1900 paġna 296
7 RMB Ġrajja Banda Queen Victoria, paġna 79
8 Ara Ktejjeb Ġrajjet il-Banda Queen Victoria, 1865-1990
9 Mir-Reġistru tal-Kontijiet tal-Banda.